

Dispożittiv

- (1) Billi ma pprevedix, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni tiegħu dwar is-sigurtà soċjali, għall-possibbiltà ta' teħid ta' responsabbiltà tal-ispejjeż sostnuti għal analiżijiet u għal eżamijiet tal-laboratorju, fis-sens tal-Artikolu 24 tal-Kodiċi tas-sigurtà soċjali Lussemburġiż, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għal din il-kawża, imwettqa fi Stat Membru ieħor, permezz ta' rimbors tal-ispejjeż sostnuti għal dawk l-analiżijiet u eżamijiet, iżda billi ppreveda biss għal sistema ta' teħid dirett ta' responsabbiltà mill-fondi tal-assigurazzjoni għall-mard, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 49 KE.
- (2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(¹) ĠU C 37, 13.02.2010

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-Ħames Awla) tat-13 ta' Jannar 2011 — Media-Saturn-Holding GmbH vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-92/10 P) (¹)

(Appell — Trade mark Komunitarja — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Trade mark ikkostitwita minn slogan pubbliċitarju u komposta minn elementi li waħedhom ma għandhomx karattru distintiv — Sinjal figurattiv "BEST BUY")

(2011/C 80/09)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Media-Saturn-Holding GmbH (rappreżentant: E. Warnke, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla), tal-15 ta' Diċembru 2009, Media-Saturn vs UASI (BEST BUY) (T-476/08), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ħadet ir-rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-28 ta' Awwissu 2008, li tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tal-eżaminatur li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv "BEST BUY" bħala trade mark Komunitarja għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 1, 2, 5 sa 12, 14 sa 17, 20 sa 22, 27, 28, 35, 37, 38 u 40 sa 42 — Karattru distintiv ta' trade mark ikkostitwita minn slogan pubbliċitarju u komposta minn elementi li waħedhom ma għandhomx karattru distintiv.

Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) Media-Saturn-Holding GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 113, 01.05.2010.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-Ħames Awla) tas-16 ta' Settembru 2010 — Deepak Rajani (Dear!Net Online) vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Artoz-Papier AG

(Kawża C-559/08 P) (¹)

(Appell — Trade mark Komunitarja — Trade mark verbali ATOZ — Oppożizzjoni tal-proprietarju tat-trade mark internazzjonali verbali ARTOZ — Reġistrazzjoni rrifjutata)

(2011/C 80/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Deepak Rajani (rappreżentant: A. Kockläuner, avukat)

Appellati: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent), Artoz-Papier AG

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (li issa saret il-Qorti Ġenerali) (It-Tmien Awla), tas-26 ta' Novembru 2008, Rajani vs UASI — Artoz-Papier (ATOZ) (T-100/06), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ħadet rikors għal annullament ippreżentat mill-applikant għat-trade mark verbali ATOZ, għal servizzi fil-klassijiet 35 u 41, kontra d-Deċiżjoni R 1126/2004-2 tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tal-11 ta' Jannar 2006, li tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tal-imsemmija trade mark fil-kuntest tal-oppożizzjoni magħmula mill-proprietarju tat-trade marks verbali internazzjonali "ARTOZ", għal servizzi fil-klassijiet 35 u 41

Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) D. Rajani huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 82, 04.04.2009.